

Brussell, 23 ta' Mejju 2016
(OR. fr)

9101/16

COAFR 136
CFSP/PESC 402
RELEX 410
COHOM 52

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 23 ta' Mejju 2016

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8890/16

Suġġett: Ir-Repubblika demokratika tal-Kongo
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (23 ta' Mejju 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika demokratika tal-Kongo adottati fit-3466 sessjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2016.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika demokratika tal-Kongo

1. Ftit xhur qabel l-elezzjonijiet, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) tinsab f'mument kruċjali, u l-bosta sfidi li qed tthabbat wiċċha magħhom iqanqlu tħassib serju mill-Unjoni Ewropea (UE). Ir-risoluzzjoni 2277 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), adottata unanimament fit-30 ta' Marzu li għadda, tissottolinja r-responsabbiltà ewlenija tal-awtoritajiet Kongoliżi għat-tħejjija u l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet b'rispett għad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali rilevanti. L-UE tappella lill-Gvern u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha, b'mod partikolari l-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti, joħlqu b'mod urġenti l-kundizzjonijiet meħtieġa għaż-żamma ta' elezzjonijiet ħielsa, trasparenti, inklużivi u paċifiċi, u b'mod partikolari l-elezzjonijiet presidenzjali u leġislattivi. Hija tqis li huwa biss eżekuttiv kostituzzjonalment leġittimu u elett demokratikament li jkun jista' jgħib l-istabbiltà u jgħaqqad l-elementi kollha tal-pajjiż, indispensabbli biex jiġi konsolidat il-progress kbir tal-aħħar snin u jiġu ffaċċjati l-bosta sfidi, ta' sigurtà, umanitarji, ta' governanza u ta' żvilupp, li għad fadal. Filwaqt li tiegħu nota tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Mejju 2016, l-UE tisħaq li gvern demokratiku isejjes il-leġittimità tiegħu fuq elezzjonijiet regolari u fil-limiti ta' żmien stipulati mill-Kostituzzjoni, li l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet hija r-responsabbiltà tal-gvern, u li n-nuqqas ta' ċarezza f'dan ir-rigward bħalissa tikkostitwixxi fattur kbir ta' instabbiltà fil-pajjiż.

2. L-UE tappella lill-awtoritajiet Kongoliżi jissoktaw malajr kemm jista' jkun il-proċess elettorali fi stadji konkreti. Skont ir-riżoluzzjoni 2277 tal-KSNU, hija tistieden lill-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti tikkomunika mill-aktar fis possibbli skeda ta' żmien riveduta u possibilitajiet li jippermettu lill-bosta atturi politiċi jaqsmu l-fehma tagħhom dwar is-sitwazzjoni. Hija tappella lill-Gvern tar-RDK biex jiżviluppa malajr pjan ta' żborż għall-elezzjonijiet kif ukoll biex jaġġorna r-reġistru elettorali. Huwa biss permezz ta' impenn ċar mill-gvern, kemm politiku kif ukoll finanzjarju, li l-UE tkun tista' tagħti l-appoġġ tagħha għall-proċess elettorali b'mod partikolari. L-UE tissottolinja f'dan ir-rigward ir-rwol importanti tal-Missjoni tan-NU għall-istabbilizzazzjoni fir-RDK (MONUSCO) li toffri l-għajnuna tagħha, b'assistenza teknika u appoġġ loġistiku. Hija tfaħħar il-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU Maman Sidikou.

3. Quddiem l-istaġnar attwali u tensjoni dejjem akbar, l-UE tenfasizza l-ħtieġa u l-urġenza ta' djalogu politiku qasir u preċiż bejn l-atturi politiċi rappreżentattivi kollha bil-għan li jintlaħaq malajr kunsens dwar pjan ċar, fuq il-bażi ta' skeda ta' żmien u ħtiġijiet finanzjarji kredibbli ippreżentati mill-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti, b'rispett tal-kostituzzjoni, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-elezzjoni presidenzjali. F'dan ir-rigward, l-UE tappoġġa bis-sħiħ ir-riżoluzzjoni 2277 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-prinċipji tal-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza. F'dan il-qafas, b'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab reġjonali u internazzjonali, hija tagħti l-appoġġ tagħha lill-missjoni tas-Sur Edem Kodjo, il-faċilitatur tal-Unjoni Afrikana (UA), appoġġata min-NU, biex isir djalogu tassew kredibbli, kostruttiv u inklużiv, u tistieden lill-partijiet ikkonċernati Kongoliżi kollha jagħtuh il-kooperazzjoni sħiħa tagħhom.

4. Is-sejħa għad-djalogu politiku jeħtieġ li tmur id f'id mad-dritt ta' kull wieħed minna li jitkellem b'mod ħieles. L-UE tesprimi t-tħassib tagħha dwar ix-xkiel għad-dibattitu politiku fir-RDK, kif urew il-ġrajjet reċenti, b'mod partikolari f'Lubumbashi, Goma u Kinshasa. Meta tqis ir-rapporti ta' għadd dejjem akbar ta' atti ta' fastidju u intimidazzjoni ta' mexxejja politiċi, professjonisti fil-mezzi tax-xandir u membri tas-soċjetà ċivili, fosthom difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-UE tfakkar li f'dan il-perijodu ta' qabel l-elezzjoni, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment il-libertajiet pubbliċi, u -ħarsien ta' spazju politiku miftuħ huma kruċjali u jikkostitwixxu prerekwiżit għal djalogu kredibbli u ġenwin. F'din il-perspettiva, l-UE tqis fundamentali x-xogħol tal-MONUSCO li tiddokumenta l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u li tirrappor tahom skont ir-riżoluzzjoni 2277 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-UE tfaħħar il-ħidma kruċjali tal-Uffiċċju Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem fir-RDK. Hija tissottolinja l-importanza li l-gvern tar-RDK iħares l-impenji tiegħu f'dan il-qasam f'konformità mal-Kostituzzjoni u mal-ftehimiet li r-Repubblika Demokratika tal-Kongo rratifikat, fosthom il-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Ftehim ta' Cotonou. F'dan il-qafas, l-UE tixtieq tintensifika d-djalogu tagħha mal-gvern tar-RDK.

L-UE tfakkar fir-responsabbiltà individwali tal-atturi kollha, fosthom dik tal-awtoritajiet tal-istituzzjonijiet inkarigati mill-ġustizzja u s-sigurtà, li jaġixxu b'rispett sħiħ għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet tal-bniedem, li fin-nuqqas tiegħu jkollhom iġorru r-responsabbiltà għall-konsegwenzi.

5. Is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-Lvant tar-RDK għadha prekarja, u qed twassal għal ċaqliq tal-popolazzjoni u għal ħtiġijiet umanitarji kbar. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-attakki persistenti minn gruppi armati u l-vjolenza estrema fuq il-popolazzjoni, partikolarment fir-reġjun ta' Beni, u titlob lill-forzi armati tar-RDK (FARDC), bl-għajuna tal-MONUSCO, biex tiggarrantixxi l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili.

L-UE tikkundanna kull forma ta' vjolenza, fost l-oħrajn il-vjolenza sesswali li għadha mifruxa fil-pajjiż, kif ukoll ir-reklutaġġ u l-użu ta' suldati tfal mill-gruppi armati. Hija tappella lill-awtoritajiet Kongoliżi biex b'mod attiv ikomplu bl-isforzi tagħhom biex iwaqqfu dawn ir-reati.

6. L-UE tappella għall-issoktar effettiv tal-operazzjonijiet konġunti bejn l-FARDKC u l-MONUSCO biex jinnewtralizzaw il-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tar-Rwanda (FDLR), l-Allied Democratic Forces (ADF) u l-gruppi armati l-oħrajn. Biex nindirizzaw il-kawżi profondi tal-konflitt u nistabbilizzaw b'mod dejjem il-Lvant tal-pajjiż u b'mod aktar ġenerali r-reġjun akbar tal-Lagi l-Kbar jeħtieġ li l-Istati firmatarji kollha tal-Ftehim Qafas t'Addis Ababa ta' Frar 2013 iħarsu l-impenji li hađu. F'dan il-qafas, l-UE tistieden lill-awtoritajiet jiġġieldu kontra l-isfruttament illegali tar-riżorsi naturali tal-pajjiż. Hija tappella wkoll biex ikomplu l-isforzi għall-implimentazzjoni tal-ftehim qafas u tilqa' l-ħidma tal-Mibgħut tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar, is-Sur Said Djinnit.

7. L-UE hija sieħeb ewlieni tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar; flimkien mal-Istati Membri tagħha hija għamlet sforzi konsiderevoli fir-RDK, b'investiment importanti ħafna fiż-żamma tal-paċi, l-għajnuna umanitarja u l-iżvilupp ta' madwar EUR 10 biljuni f'dawn l-aħħar għaxar snin.